**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (28)

Il-ġimgħa l-oħra temmejna l-intervista li kont għamilt lil Charlie Rowe li kien segretarju tal-każin S.A.S.C., illum se nlaqqagħkom ma' Gustu Cachia (Battajola) li kien wieħed mill-ħabrieka li wara l-gwerra ħadem u stinka kemm felaħ biex jorganizza mill-ġdid lid-distrett tal-Isla.

Din l-intervista kont għamiltlu fil-Ġnien tal-Gardjola fis-snin 80. Dawk tampari li jiftakru tajjeb li Gustu. Jiftakruh kemm kien iħobb ir-Regatta Nazzjonali u li għalih l-Isla tiġi l-ewwel qabel kull distrett ieħor. F'kelma waħda Gustu kien iħobb tabilħaqq lil belt twelidu l-Isla.

Min kien jafu tajjeb daqsi, jikkonferma dan kollu, minkejja li f'żgħożitu huwa ddistingwa ruħu sportivament kemm bħala plajer tal-football, player tal-billiards u dilettant kbir ta' l-ibburdjar. Lir-Regatta Nazzjonali kien iqisha bħala l-isbaħ u l-iktar sport favorit tiegħu.

Minn din l-intervista se nħallu barra l-isport l-ieħor u nitkellmu biss dwar sehem l-Isla. fir-Regatta Nazzjonali. Ovvjament l-ewwel mistoqsija tiegħi kienet dwar it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra għaliex dawk it-tiġrijiet ma niftakarhomx u dejjem xtaqt li nkun naf ħafna aktar dwarhom:

"... jien m'iniex se nitkellem jew nipparaguna lill-Isla mad-distretti l-oħra ... fis-snin 30, Bormla kienu l-aqwa distrett fil-port, inqas minnhom kienu l-Birgu, imbagħad aħna. Minkejja li konna armati tajjeb fost it-tfal tal-Ponta kienet teżisti bruda kbira ... kultant naħseb li n-nuqqas tat-tiġrija tal-Ferilli fir-Regatta Nazzjonali u l-pika tagħna ma' Marsamxett tefgħet liż-żewġ distretti lura, u postna ħaduh Bormla u l-Birgu li kienu ppikkati ħafna bejniethom fuq id-dgħajjes il-kbar ... fl-aħħar snin tas-snin 30 qam spirtu ġdid il-Ponta, qisu f'daqqa waħda kulħadd intebaħ li t-tiġrija tad-dgħajjes kienet issir fil-Vitorja, bħala parti mill-festa tagħna. Konna armajna mill-ġdid id-dgħajjes il-kbar, u niftakar li konna tajna tiġrija iebsa f'ta' bl-Erbgħa lid-dgħajjes ta' Bormla u l-Birgu ... fl-1937 u fl-1938 erbaħna dan il-palju aħna, allura tista' taħseb x'ferħ kbir kien hemm il-Ponta... is-sena ta' wara konna armati tajjeb, iżda r-Regatta ma saritx għax faqqgħet il-gwerra. Domna 13-il sena bla tiġrijiet, u l-qaddiefa tagħna li fl-1938 kienu għadhom żgħażagħ, fl-1951, meta l-Kollettur tad-Dwana ntroduċa mill-ġdid ir-Regatta, kienu kibru bi 13-il sena."

*Wara l-gwerra intom kontu armati tajjeb u bħala distrett kontu superjuri għad-distretti l-oħra ... x'sar minnhom Bormla u Marsamxett?*

"Konna superjuri għax konna armati tajjeb bl-ekwipaġġi li kienu ġerrew qabel il-gwerra ... magħna kien hemm il-Marsa u l-Birgu ... ma konniex weħidha ... kellna kompetizzjoni qawwija f'kull tiġrija kemm mill-Marsa kif ukoll mill-Birgu. Bormla ma setgħux jieħdu sehem għax la kellhom dgħajjes u lanqas xatt għax kien ħadulhom l-ammiraljat u niftakar li kellhom kwistjoni kbira mal-gvern biex jerġgħu jieħdu parti minnu lura.

"Marsamxett ukoll ma kiemux ħadu sehem fil-koros kollha għax tilfu wkoll l-opri tagħhom ... aħna ma tlifna xejn għax kienu ppreservati f'maħżen kbir il-Ponta, imma minħabba l-umdità kellna ħafna ħsarat, iżda sakemm waslet ir-Regatta aħna armajna l-opri tagħna bil-qaddiefa li kellna qabel il-gwerra, u għalhekk tista' timmaġina kemm konna b'saħħietna.

"Fis-snin 50 aħna kellna l-aħjar qaddiefa fil-kanal u l-aħħar Aggregate Shield irbaħniha fl-1966."

*Nismagħhom jgħidu li l-piż tad-dgħajjes ġie introdott wara kwistjoni li kellkom intom fuq dgħajsa ta' bl-Erbgħa?*

"Hekk hu. Iżda l-kwistjoni tal-piż tad-dgħajjes ilha tinħass minn qabel il-gwerra ... qabel il-gwerra ma kienx hemm regolamenti dwar il-piż tad-dgħajjes – l-important kien li d-dgħajsa tkun għaddiet mid-dwana u jkollha l-liċenzja tal-Pass ta' l-Għaxra.



Il-qaddiefa Sengleani Leli Micallef, Lorry Caruana, Salvu Formosa u Gorg Caruana rebbieħa tal-Palju ta' bl-Erbgħa, fl-1951

"Rigward id-dgħajsa li semmejtli, aħna rreġistrajna dgħajsa li meta rawha d-distretti l-oħra pprotestaw fuqha, għax sostnew li kienet ħafifa ħafna u ma ridux jieħdu sehem fit-tiġrija.

"Issa din id-dgħajsa kienet waħda mill-erba' dgħajjes li kien bena l-imgħallem Leli Pule tal-Kalkara għal erba' distretti avversarji (Isla, Bormla, Birgu u Marsamxett).

"Meta tlestew, kulħadd ried jagħżel hu, iżda l-imgħallem Pule, biex jevita l-inkwiet, kien tellagħhom bil-polza, u din id-dgħajsa kienet l-istess dgħajsa li aħna konna ħadna sehem biha fl-1937. Kien minħabba din id-dgħajsa li Dgħajjes tax-Xogħol bdew jintiżnu u l-piż tagħhom ġie stipulat b'regolament mid-dwana."

*Nismagħhom jgħidu wkoll li l-kumitati distrettwali kienu kontra t-tiġrija tal-Ferilli, għaliex sostnew li permezz tagħhom intom kontu qegħdin tirbħu x-Shield ... kellhom raġun jew le?*

"Li kienu kontra t-tiġrija tal-Ferilli kollu minnu. Bissaħħa tagħna din it-tiġrija reġgħet bdiet issir wara l-gwerra. Kien hemm xi diriġenti minn xi distretti avversarji li dejjem kienu kontra din il-korsa u ħargu kontrina ... ġabu skuża li ma kellhomx Ferilli ... iżda aħna konna nafu li Ferilli kien hawn fil-port u f'Marsaxlokk, u għalhekk deher ċar li ma ridux jaqdfu magħna!

"Qalulna li l-Ferilli tagħna kienu ħfief ħafna u għalhekk ma kinux Ferilli tax-Xogħol bħal ftit li kien għadd fadal fil-portijiet tagħna. Taf xejn li ż-żewġ Ferilli li kellna konna konna ilna nieħdu sehem bihom mill-1921 ... ara x'ġara issa, l-aktar opra antika tar-Regatta spiċċat għal kollox ..l-istess ġralhom il-Kajjikki t-Twal, - dawk li aħna konna nsibuhom bħala Fancy għax kienu ħfief ħafna ..."

*Wara l-Gwerra l-Isla kienet tajba ħafna fid-dgħajjes tal-Midalji ... kemm kontu tajbin f'din it-tiġrija?*

"L-Isla għandha storja kbira fejn jidħlu d-dgħajjes tal-Midalji. Aħna minn dejjem konna tajbin ħafna f'din il-korsa u wara l-gwerra rbaħna dan il-palju kemm-il darba. Wara l-1966 ħadna daqqa lura fit-tiġrijiet tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa u ta' bi Tnejn, iżda f'tal-Midalji, l-Isla dejjem kienet fost il-favoriti, bħal ma dejjem konna fl-opri ż-żgħar il-Kajjikki u l-Frejgatini.

"Fis-snin 50, l-Isla ddominat it-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji b'seba' rebħiet konsekkuttivi. Tista' timmaġina x'ekwipaġġ kellna ... kif għedtek, aħna minn dejjem kellna ekwipaġġi tajbin, u għal ħafna mill-qaddiefa, ir-rebħ tal-palju fil-korsa tagħhom kien l-akbar unur li huma setgħu jagħtu lill-Isla f'Jum il-Festa tal-Vitorja."

*Nota*: Meta miet Gustu kont ktibt apprezzament bħala l-aħħar tislima tiegħi lil dan il-ġentlom u ħabib minkejja kont għadni żagħżugħ ... fejn tidħol ir-Regatta jien kont ddiskrivejtu b'dan il-mod:

Meta Gustu rtira mill-kumitat, huwa xorta waħda baqa' jinteressa ruħu fit-tiġrija.

Kont tarah jippassiġġa min-naħa l-oħra tul il-Gardjola, bit-tromba mdendla ma' għonqu u bi stopwatch f'idu jieħu l-ħinijiet ta' kull dgħajsa li tieħu t-triq u wara jippargunah mad-dgħajsa tal-Isla.

Dejjem kien imdawwar b'dilettanti Bormliżi u Sengleani, jirrakkonta fid-dettal tiġrijiet ta' qabel il-Gwerra b'memorja friska u preċiża.

Ħafna drabi kien jilmenta dwar in-nuqqasijiet li kien jara fl-organizzazzjoni u jesprimi b'mod ċar is-suġġerimenti tiegħ.

Gustu kien raġel serju, kostruttiv fl-argumenti tiegħu u teknikament abbli fl-armar ta' l-opri tat-tiġrija.

*(ikompli f'ħarġa oħra)*